**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 1/2024/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Maher Aljasem**

Illum 27 ta' Ġunju 2024

Il-Qorti,

1. Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużat **Maher Aljasem**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0253682(A), li bih huwa ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

**L-EWWEL (1) KAP**
*Omiċidju Volontarju*

**Il-fatti:**

Illi filgħodu ta' nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), max-Xatt ta' Marsalforn, fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, kien hemm ġlieda bejn żewġ irġiel ta' nazzjonalita' Sirjana li jgħixu ġewwa Għawdex fejn l-akkużat **Maher Aljasem** beda jagħti daqqiet bla rażan b'riegla li hija biċċa tal-metall twila li tintuża sabiex jiġi nvellat ix-xogħol tal-bini, lil Fawaz Njem li f'dak il-ħin sofra ġrieħi fuq persuntu skont kif iċċertifikah Dr. Anselm Psaila miċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat Għawdex.

Illi filgħaxija tal-istess ġurnata *ossia* tas-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) bejn it-tmienja (8pm) u l-għaxra (10pm), inqalgħet ġlieda oħra qrib ir-residenza tal-akkużat u ċioè qrib il-fond li jismu 'Marija', ġewwa Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, fejn l-akkużat **Maher Aljasem,** ġewwa garaxx biswit l-istess residenza, liema garaxx kien għadu qed jinbena, dolożament bil-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ta daqqiet ta' sikkina jew oġġett li jaqta' lil Fawaz Njem f'parti vitali tal-persuna tiegħu, liema daqqiet irriżultaw fil-mewt ta' l-istess Fawaz Njem ftit tal-ħin wara u s-sikkina baqgħet qatt ma nstabet.

Illi skont kif iċċertifika l-espert mediku t-tabib Dottor Mario Scerri in-natura tal-ferita li wasslet għall-mewt tal-vittma kienet *stab wound* u ma kinitx *slash wound* u kienet ippenetrat ġos-sider, daħlet għall-organi vitali, misset il-qalb tal-vittma u kkawżat il-mewt.

Illi f'din il-ġlieda ta' filgħaxija weġġa' wkoll, bis-sikkina li uża l-akkużat **Maher Aljasem**, Kazem Abdalaa li irriżulta illi sofra ġrieħi ħfief stante li dawn kienu *slash wounds* u mhux *stab wounds.*

Illi t-Tabib Dr Abdul Aziz iċċertifika lil Fawaz Njem illi sofra minn laċerazzjonijiet ta' 5 ċentimetri, ġrieħi penetranti fuq ix-xellug tas-sider, ġrieħi penetranti fuq il-qalb, ġrieħi penetranti n-naħa ta' wara tal-koxxa tas-sieq u abbrażżjonijiet fuq l-*abdomen* u sfortunatament avolja ngħata l-kura "*Patient was dead on Arrival*".

Illi konsegwentement, fid-dawl taċ-ċirkostanzi, lok, data u ħin kif esposti f'dan l-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża, l-akkużat **Maher Aljasem** irrenda ruħu ħati ta' **<u>Omiċidju Volontarju</u>** u għalhekk qiegħed hawnhekk jiġi akkużat talli dolożament bil-ħsieb li joqtol persuna u ċioè lil Fawaz Njem jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt tal-istess Fawaz Njem;

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Maher Aljasem** sar ħati ta' **<u>omiċidju volontarju</u>**, u ċioè talli nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), bejn it-tmienja u l-għaxra ta' filgħaxija (8pm-10pm) ġewwa Triq il-Wied, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Fawaz Njem jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunalu l-mewt.

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, takkuża lill-imsemmi **Maher Aljasem** ħati ta' **<u>omiċidju volontarju</u>**, u ċioè talli nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), bejn it-tmienja u l-għaxra ta' filgħaxija (8pm-10pm) ġewwa Triq il-Wied, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, dolożament, bil-ħsieb li joqtol

persuna u ċioè lil Fawaz Njem jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, jikkaġunalha l-mewt.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali titlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Maher Aljasem** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u għal reklużjoni, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 9, 17, 23, 31, 211(1), 211(2), u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**It-TIENI (2) KAP**:
***Offiża Volontarja Fuq il-Persuna***

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' l-Att ta' Akkuża u ċioè nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) bejn it-tmienja (8pm) u l-għaxra (10pm), biswit il-fond bl-isem ta' 'Marija', ġewwa Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, fil-ġlieda li seħħet filgħaxija weġġa' wkoll, bis-sikkina li uża l-akkużat **Maher Aljasem**, Kazem Abdalaa li rriżulta illi sofra ġrieħi ħfief stante li dawn kienu *slash wounds* u mhux *stab wounds*.

Illi l-istess Tabib Dr Abdul Aziz iċċertifika lil Kazem Abdalaa li kellu laċerazzjonijiet f'diversi postijiet fuq persuntu ta' 5 ċentimetri 'il waħda li sofra ġrieħi ħfief salv għal kumplikazzjonijiet.

Illi l-akkużat **Maher Aljasem** wara dan kollu li ġara, ġie misjub mill-Pulizija bid-demm fuqu.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Maher Aljasem** sar ħati talli nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), bejn it-tmienja u l-għaxra ta' filgħaxija (8pm-10pm) ġewwa Triq il-Wied, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, **<u>ikkaġuna l-ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Kazem Abdalaa</u>** jew ġablu diżordni f'moħħu u ċioè għamel offiża fuq il-persuna ta' Kazem Abdalaa.

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq, takkuża lill-imsemmi **Maher Aljasem** ħati ta' offiża volontarja, u ċioè talli nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), bejn it-tmienja u l-għaxra ta' filgħaxija (8pm-10pm) ġewwa Triq il-Wied, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, biswit il-fond bl-isem ta' 'Marija', Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, **<u>ikkaġuna l-ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u ċioè lil Kazem Abdalaa</u>**, jew ġabilha diżordni f'moħħha.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali titlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Maher Aljasem** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn (2) sa seba' (7) snin skont dak li hemm fl-Artikoli 17, 23, 31, 214, 215, 217, 221 u 533 tal-

Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TIELET (3) KAP**
***Pussess ta' Sikkina jew Strument Li Jaqta' mingħajr Liċenzja jew Permess tal-Kummissarju tal-Pulizija***

**Il-fatti:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel żewġ (2) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, wara l-ġlieda ta' filgħaxija tas-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) bejn it-tmienja (8pm) u l-għaxra (10pm), biswit il-fond bl-isem ta' 'Marija', qrib ir-residenza tal-akkużat fejn il-post jismu 'Marija', Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, fejn l-akkużat **Maher Aljasem**, ġewwa l-garaxx biswit l-istess residenza, liema garaxx kien għadu qed jinbena, dolożament bil-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ta daqqiet ta' sikkina jew oġġett li jaqta' lil Fawaz Njem f'post kritiku għall-ħajja, liema daqqiet irriżultaw fil-mewt ta' l-istess Fawaz Njem ftit tal-ħin wara u s-sikkina baqgħet qatt ma nstabet.

Illi skont kif iċċertifika l-espert mediku t-tabib Dottor Mario Scerri in-natura tal-ferita li wasslet għall-mewt tal-vittma kienet *stab wound* u ma kinitx *slash wound* u kienet ippenetrat ġos-sider, daħlet għall-organi vitali, misset il-qalb tal-vittma u kkawżat il-mewt.

Illi f'din il-ġlieda li seħħet filgħaxija fl-istess ġurnata, weġġa' wkoll, bis-sikkina li uża l-akkużat **Maher Aljasem**, Kazem Abdalaa li rriżulta illi sofra ġrieħi ħfief stante li kienu *slash wounds* u mhux *stab wounds*.

Illi t-Tabib Dr Abdul Aziz iċċertifika lil Fawaz Njem illi sofra minn laċerazzjonijiet ta' 5 ċentimetri, ġrieħi

penetranti fuq ix-xellug tas-sider, ġrieħi penetranti fuq il-qalb, ġrieħi penetranti n-naħa ta' wara tal-koxxa tas-sieq u abbrażżjonijiet fuq l-*abdomen* u sfortunatament avolja ingħata l-kura *"Patient was dead on Arrival"*.

Illi l-istess Tabib Dr Abdul Aziz iċċertifika lil Kazem Abdalaa li kellu laċerazzjonijiet f'diversi postijiet fuq persuntu ta' 5 ċentimetri 'il waħda li sofra ġrieħi ħfief salv għal kumplikazzjonijiet.

Illi l-esperti nominati mill-Maġistrat Inkwerenti stabbilew li l-arma li ntużat f'dan id-delitt kienet arma li taqta' jew bil-ponta.

Illi l-akkużat **Maher Aljasem** wara dan kollu li ġara, iddispona mill-istess sikkina illi għadha sal-lum ma nstabitx u ġie misjub mill-Pulizija bid-demm fuqu.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Maher Aljasem** sar ħati talli nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) bejn it-tmienja (8pm) u l-għaxra (10pm) ta' filgħaxija, qrib ir-residenza tal-akkużat, biswit il-fond li jismu 'Marija', Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, **<u>ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija</u>**.

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq, jakkuża lill-imsemmi **Maher Aljasem** ħati talli nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) bejn it-tmienja (8pm) u l-

għaxra (10pm) ta' filgħaxija, qrib ir-residenza tal-akkużat, fejn il-post jismu 'Marija', Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, **ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija**.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Maher Aljasem** u illi huwa jiġi kkundannat għall-multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 6, 51(7) u 56 ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IR-RABA' (4) KAP**
***Ksur Ta' Bon-Ordni jew il-Kwiet tal-Pubbliku***

**Il-fatti:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel tlett (3) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, wara li filgħodu ta' nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), max-Xatt ta' Marsalforn, Iż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, kien hemm ġlieda bejn żewġ irġiel ta' nazzjonalita' Sirjana li jgħixu ġewwa Għawdex fejn l-akkużat **Maher Aljasem** beda jgħati daqqiet bla rażan b'riegla, li hija biċċa tal-metall twila li tintuża biex jiġi nvellat ix-xogħol tal-bini, lill-mejjet Fawaz Njem li f'dak l-istadju sofra ġrieħi fuq persuntu skont kif iċċertifikah Dr. Anselm Psaila miċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat

Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, u filgħaxija tal-istess ġurnata *ossia* tas-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) bejn it-tmienja (8pm) u l-għaxra (10pm), inqalgħet ġlieda oħra bejn l-istess persuni ta' nazzjonalita' Sirjana u oħrajn fi Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, qrib ir-residenza tal-akkużat fejn il-post jismu 'Marija', Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, fejn l-akkużat **Maher Aljasem,** f'garaxx biswit l-istess residenza liema garaxx kien għadu qed jinbena, u dolożament bil-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ta daqqiet ta' sikkina jew oġġett li jaqta' lil Fawaz Njem f'parti vitali tal-persuna tiegħu, liema daqqiet irriżultaw fil-mewt ta' l-istess Fawaz Njem ftit tal-ħin wara u s-sikkina baqgħet qatt ma nstabet.

Illi l-lok fejn seħħet din il-ġlieda huwa wieħed pubbliku (triq pubblika) u fil-viċinanzi kien hemm diversi djar ta' abitazzjoni, bars u ristoranti u saħansitra *belvedere*.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Maher Aljasem** sar ħati talli nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) bejn it-tmienja (8pm) u l-għaxra (10pm) ta' filgħaxija, fi Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, qrib ir-residenza tal-akkużat, fejn il-post jismu 'Marija', Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, **<u>kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku</u>**.

**<u>L-akkuża</u>**:

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq, takkuża lill-imsemmi **Maher Aljasem**, ħati talli s-sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) bejn it-tmienja (8pm) u l-għaxra (10pm) ta' filgħaxija, fi Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, qrib ir-residenza tal-akkużat, fejn il-post jismu 'Marija', Triq il-Wied, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fi bnadi oħra fil-Gżira Għawdxija, **kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku**.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali titlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Maher Aljasem** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' detenzjoni, ammenda, ċanfira jew twiddiba, skont dak li kien hemm u kien jintqal fl-Artikoli 7, 17, 31, 338(dd) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

2. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Maher Aljasem, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u l-Lista ta' Dokumenti ppreżentati fid-29 ta' Jannar 2024.[1]

3. Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-2 ta' Frar 2024[2] magħmula fit-termini ta' Artikolu 438(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tagħha ta avviż dwar ammissibilita' tax-xhieda u ta' dokumenti ndikati mill-akkużat Maher Aljasem fil-Lista tax-Xhieda u fil-Lista tad-Dokumenti annessi man-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tiegħu[3].

[1] *A fol.* 27 *et seq.*.
[2] *A fol.* 32 *et seq.*.
[3] *A fol.* 27 *et seq.*.

4. Rat in-Nota ta' Kjarifika tal-akkużat Maher Aljasem ippreżentata fis-7 ta' Marzu 2024.[4]

5. Rat l-atti kollha proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

6. Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm, kemm dawk mismugħa fit-22 ta' Frar 2024 u kif ukoll dawk mismugħa fid-9 ta' April 2024.

**Ikkunsidrat**

7. Illi fis-seduta miżmuma fit-22 ta' Frar 2024 il-konsulenti legali tal-akkużat ġew mogħtija żmien f'liema żmien kellhom jippreżentaw Nota fejn fiha kellhom jagħmlu kjarifiċi neċessarji hekk kif mitluba mill-Avukat Ġenerali waqt is-seduta msemmija. Waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm mismugħa fis-seduta tat-22 ta' Frar 2024, l-Avukat Ġenerali talab li jiġu spjegati l-ħames (5) u s-sitt (6) eċċezzjonijiet imressqa mill-akkużat. Da parte tagħhom, fis-7 ta' Marzu 2024 il-konsulenti legali tal-akkużat ippreżentaw Nota (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn spjegaw fil-qosor l-eċċezzjonijiet kollha. L-Avukat Ġenerali oppona għal dan waqt is-seduta tad-9 ta' April 2024 minħabba li n-Nota ppreżentata mill-konsulenti legali tal-akkużat kienet tmur *oltre* dak li kien ġie mitlub minnhom.

8. Illi għalkemm l-Avukat Ġenerali strettament għandu raġun jilmenta dwar in-Nota tal-akkużat tas-7 ta' Marzu 2024 hawn fuq imsemmija, din il-Qorti tinnota li l-akkużat ma ressaq l-ebda eċċezzjonijiet ġodda u għalhekk din il-Qorti ser tqis tali Nota fl-intier tagħha.

9. Illi f'din is-sentenza din il-Qorti ser tindirizza kemm l-eċċezzjonijiet imqajjma mill-akkużat kif ukoll dawk imressqa mill-Avukat Ġenerali dwar l-ammissibilita' ta' xi evidenza u xhieda li ġew indikati fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat. Din il-Qorti ser tibda billi tindirizza l-eċċezzjonijiet imressqa mill-akkużat.

[4] *A fol.* 57 *et seq.*.

**Ikkunsidrat**

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-EĊĊEZZJONIJIET IMRESSQA MILL-AKKUŻAT</u>**

**<u>L-Ewwel (1) Eċċezzjoni</u>**

10. Illi fl-ewwel (1) eċċezzjoni tiegħu, l-akkużat jisħaq li l-piena mitluba fl-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża li skont il-liġi jirregola reat wieħed biss, hija żbaljata.

11. Illi fl-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuża, l-Avukat Ġenerali jitlob li l-akkużat *"jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u għal reklużjoni, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 9, 17, 23, 31, 211(1), 211(2), u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat."*

12. Illi din il-Qorti tinnota li mentri l-Ewwel Kap huwa dwar omiċidju volontarju, it-Tieni Kap huwa dwar offiża volontarja fuq il-persuna. Permezz ta' Artikolu 211 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena stabbilita għar-reat ta' omiċidju volontarju hija dik ta' priġunerija għal għomor. Waqt li Artikolu 217 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi piena minima ta' sentejn priġunerija, Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta indikat taħt t-Tieni Kap jipprefiġġi piena ta' massimu ta' sentejn priġunerija.

13. Illi Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Fil-konkors ta' reati u ta' pieni, igħoddu d-dispożizzjoniiet li ġejjin:
>
> (a) persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, illi jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu l-libertà persunali, li waħda minnhom tkun għal għomor, tiġi ikkundannata għal din il-piena biż-żieda tar-reklużjoni;

[...].”

14. Illi għalhekk meta l-Avukat Ġenerali jitlob ir-reklużjoni huwa qed jitlob dak li huwa stabbilit f’Artikolu 17(a) hawn fuq ċitat jekk l-akkużat jinstab ħati ta’ aktar minn akkuża waħda. Stabbilit dan din il-Qorti hija sodisfatta li taħt Kapi differenti l-akkużat qed jiġi akkużat b’żewġ reati li għalihom hija kontemplata piena ta’ priġunerija, fejn waħda minnhom hija għal għomor. Għalhekk għandu raġun l-Avukat Ġenerali meta jitlob ir-reklużjoni flimkien ma’ piena ta’ għomor ħabs taħt l-Ewwel Kap. B’hekk l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-akkużat qed tkun miċħuda.

**<u>It-Tieni (2) Eċċezzjoni</u>**

15. Illi fit-tieni (2) eċċezzjoni l-akkużat jeċċepixxi n-nullita’ tat-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ Akkuża minħabba li skont hu l-fatti miġjuba fil-parti narrattiva ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt fil-parti akkużatorja tal-istess Kap. Permezz tan-Nota ta’ Kjarifika tal-akkużat ippreżentata fis-7 ta’ Marzu 2024 (*a fol.* 57 *et seq.*) l-akkużat jirrileva li din hija msejsa fuq paragrafu (b) tal-*proviso* ta’ Artikolu 449(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Artikolu 449(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jgħid hekk:

> “(5) L-inkompetenza tal-qorti u n-nullità tal-att tal-akkuża jistgħu jinġiebu wkoll ‘il quddiem mill-qorti *ex officio*, sew qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-akkuża kemm wara l-verdett tal-ġuri:
>
> Iżda, wara l-verdett tal-ġuri, l-att tal-akkuża ma jistax jiġi annullat ħlief f’wieħed jew ieħor mill-każijiet li ġejjin:
>
> [...]
>
> (b) meta l-fatt miġjub fl-att tal-akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f’dak l-att.”

16. Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Darren Mizzi** (Numru 21/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "24. Din it-tielet eċċezzjoni hija bbażata fuq dak ravviżat fl-Artikolu 449(5)(b) tal-Kodiċi Kriminali li taqra bil-mod segwenti:
>
> Iżda, wara l-verdett tal-ġuri, l-att tal-akkuża ma jistax jiġi annullat ħlief f'wieħed jew ieħor mill-każijiet li ġejjin:
>
>> (a) meta r-reat fl-att ta' akkuża ma jkunx miġjub jew deskritt, fis-sustanza, bħal ma hu miġjub jew deskritt fil-liġi;
>>
>> **(b) meta l-fatt miġjub fl-att tal-akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att**.[5]
>
> 25. Qabel xejn, din l-eċċezzjoni kif formulata in bażi għad-diċitura ta' dan l-artikolu 449(5) tal-Kodiċi Kriminali tista' tiġi promossa, fi kliem il-Liġi stess, bħala waħda minn żewġ raġunijiet li fuqhom att t'akkuża jista' jiġi annullat **wara l-verdett tal-ġuri**. Dan l-istadju attwali huwa wisq bikri biex allura tali argument jiġi trattat.
>
> 26. Iżda a skans ta' ekwivoċi, u għall-fini ta' kompletezza, dil-Qorti tqis li hawnhekk il-Liġi tikkontempla li tali eċċezzjoni tkun tista' tirnexxi f'każ ta' difett fl-Att tal-Akkuża li jkun ta' natura sostanzjali in kwantu jolqot l-elementi kostituttivi tal-istess reat miġjub mill-Avukat Ġenerali fil-varji Kapi tal-Att tal-Akkuża. Biex tali eċċezzjoni tirnexxi, hu meħtieġ li l-fatti esposti mill-Avukat Ġenerali jridu jkunu tali li fis-

[5] "Enfasi miżjuda."

sustanza tagħhom ma jikkostitwixxux ir-reat imsemmi fl-Att ta' Akkuża jew fis-sustanza tagħhom ma jirriflettux id-deskrizzjoni tar-reat miġjub f'dak l-Att ta' Akkuża.

27. Fl-appell kriminali kolleġjalment deċiż fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici** nhar it-22 ta' April 2004 intqal:

> "Din il-Qorti tara li dana l-appell huwa wieħed fieragħ. Jibda biex jingħad li fit-tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża l-appellant qed jiġi akkużat b'serq kwalifikat bil-vjolenza (omiċidju volontarju u sekwestru tal-persuna), mezz (għata tal-wiċċ), valur (aktar minn mitt lira iżda anqas minn elf lira), ħin u lok (dar ta' abitazzjoni). L-appellant qed jikkontesta dana l-Kap – in linea ta' eċċezzjoni preliminari – mhux in kwantu għall-kwalifika ta' l-omiċidju volontarju jew xi kwalifika oħra, iżda biss in kwantu għal dik tas-sekwestru tal-persuna. Għandu jiġi wkoll preċiżat li l-akkużat jidher li żvija kompletament lill-ewwel Qorti bl-insistenza tiegħu fuq l-Artikolu 589(c) tal-Kodiċi Kriminali. Huwa veru li din id-dispożizzjoni tgħidlek x'għandu jkun fiha l-parti espożittiva tal-Att ta' Akkuża (jew ta' kull Kap tal-Att ta' Akkuża meta dan ikun maqsum f'kapi differenti), iżda proprjament l-eċċezzjoni kellha tkun ibbażata fuq il-paragrafu (b) tal-proviso għas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449. Din id-disposizzjoni tipprovdi li jkun hemm nullita' fl-Att ta' Akkuża (jew f'kap partikolari) "meta l-fatt miġjub fl-att ta' l-akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att." Hija din id-dispożizzjoni, u mhux l-Artikolu 589, li l-appellant kellu jinvoka quddiem l-ewwel Qorti in sostenn ta' l-

eċċezzjoni tiegħu dwar in-nullita' ta' (jew difett fi) it-tieni Kap. **Il-ġurisprudenza f'dan ir-rigward hija ormaj kopjuża u din il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn toqgħod taħli żmien tiċċita d-diversi pronunzjamenti tagħha in materja. Ikun hemm nullita' jew difett kif ravviżat fl-Artikolu 449(5)(b) meta l-fatti kif deskritti ma jkunux jammontaw fis-sustanza għar-reat li bih l-akkużat ikun qed jiġi akkużat. Bil-kelma "reat" wieħed għandu neċessarjament jifhem ir-reat bl-aggravji kollha li jkunu qed jiġu dedotti skont il-liġi. F'dan il-każ, għalhekk, wieħed irid jara jekk, fil-parti espozittiva tat-tieni Kap, hemmx fis-sustanza l-elementi tas-serq u tal-kwalifiki aktar 'l fuq imsemmija, fosthom dik tas-sekwestru tal-persuna**[6]."

17. Illi din il-Qorti, filwaqt li tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat, tapplikah fir-rigward tal-eċċezzjoni in eżami u tinnota li t-Tielet Kap jirrigwarda pussess ta' sikkina mingħajr liċenzja. Mill-fatti hekk kif preżentati fit-Tielet Kap l-element li l-akkużat kien ġarr sikkina mingħajr permess u uża tali sikkina sabiex iwettaq ir-reat li bih huwa akkużat jirriżulta ampjament fil-fatti hekk kif deskritti mill-Avukat Ġenerali. Taħt il-konsegwenzi hemm ukoll riferenza għall-fatt li tali pussess kien mingħajr il-liċenzja neċessarja. Konsegwentement anke t-tieni (2) eċċezzjoni tal-akkużat qed tkun miċħuda.

<u>**It-Tielet (3) Eċċezzjoni**</u>

18. Illi fit-tielet (3) eċċezzjoni l-akkużat jeċċepixxi n-nullita' tar-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuża minħabba li jargumenta li l-fatt miġjub fil-parti narrattiva ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt fil-parti akkużatorja tal-istess Kap. Bħal fil-każ tat-tieni (2) eċċezzjoni, fin-Nota ta' Kjarifika tal-akkużat ippreżentata fis-7 ta' Marzu 2024 (*a fol.* 57 *et seq.*) l-akkużat

[6] "Enfasi miżjuda."

jirrileva li anke t-tielet (3) eċċezzjoni hija msejsa fuq paragrafu (b) tal-*proviso* ta' Artikolu 449(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

19. Illi fir-rigward tat-tielet (3) eċċezzjoni, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel riferenza għal dak li ngħad fl-eċċezzjoni preċedenti u tapplikah sa fejn applikabbli għal din l-eċċezzjoni. Din il-Qorti żżid billi tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fit-2 ta' Mejju 2013 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmel Saliba** (Numru 16/2011) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "8. Huwa evidenti li din l-eċċezzjoni hi msejsa fuq dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-*proviso* tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kap. 9, u ċioè li l-Att ta' Akkuża jkun null "…meta l-fatt miġjub fl-Att ta' l-Akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att."
>
> 9. Issa, biex tirnexxi eċċezzjoni bħal din jeħtieġ li jirriżulta li l-fatti kif deskritti fl-Att ta' Akkuża jew fil-Kap ta' l-Att ta' Akkuża li jkun qed jiġi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jiġi addebitat l-akkużat f'dak l-att jew f'dak il-Kap (ara Appelli Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Aibrahim Bashir Ben Matue**, 15 ta' Frar 1996; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Gatt et**, 22 ta' Mejju 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici**, 22 ta' April 2004). F'dawk is-sentenzi ġiet ċitata ġurisprudenza kopjuża ħafna fejn intqal ukoll li fl-eżami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mal-parti akkużatorja, il-Qorti trid toqgħod fuq il-fatti kif miġjuba fl-Att ta' Akkuża u mhux fuq il-fatti kif jistgħu jirriżultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistgħu jirriżultaw fil-kors tal-ġuri.
>
> 10. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Frederick Joseph Grech** mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fit-28 ta' Diċembru 2009 intqal

dwar l-imsemmi paragrafu (b) tal-*proviso* tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 449:

**"Jibda biex jingħad li l-paragrafu (b) aktar 'l fuq imsemmi jitkellem dwar li l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi "fis-sustanza" ir-reat li jkun ġie addebitat lill-akkużat, u għalhekk jekk dak il-fatt "fis-sustanza" – u mhux neċessarjament bl-użu ta' kliem preċiżi jew sagramentali – jammonta għar-reat dedott, ma jkun hemm ebda nullita' tal-Att ta' Akkuża (jew ta' xi kap partikolari tiegħu skont il-każ). L-iskop kemm ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll tal-paragrafu (a) tal-istess *proviso* tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 hu li minn banda l-akkużat ikun jaf sew biex qed jiġi akkużat u għalhekk għal x'hiex irid jiddefendi ruħu, u, fit-tieni lok, li persuna, wara l-verdett tal-ġurati – verdett li, fir-realta', huwa dikjarazzjoni li ċerti fatti avveraw ruħhom – ma tiġix ikkundannata għal fatt li ma jammontax għal reat.""**

20. Illi din il-Qorti tapplika dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-eċċezzjoni in eżami u tinnota li mill-fatti hekk kif preżentati fir-Raba' Kap jingħad, fost l-oħrajn, li kien hemm ġlieda u li fejn seħħet din il-ġlieda ġie deskritt li huwa wieħed pubbliku (ossia triq pubblika) u li fil-viċinanzi hemm diversi djar ta' abitazzjoni, bars u ristoranti u *belvedere*. B'hekk ma jistax jingħad li l-fatti miġjuba fil-parti narrattiva ma jikkostitwix fis-sustanza ir-reat deskritt fil-parti akkużatorja tal-istess Kap hekk kif isostni l-akkużat fl-eċċezzjoni in eżami u dana wara li jiġi kkunsidrat dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tat-tielet (3) eċċezzjoni u wara li jiġi kkunsidrat ukoll li fir-Raba' Kap l-akkużat qed ġie akkużat li kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. Għaldaqstant, isegwi li anke t-tielet eċċezzjoni (3) tal-akkużat qed tiġi miċħuda wkoll.

**<u>Ir-Raba' (4) Eċċezzjoni</u>**

21. Illi fir-raba' (4) eċċezzjoni l-akkużat jeċċepixxi l-inammissibilita' ta' l-istqarrija mogħtija minnu fit-8 ta' Mejju 2022

minħabba li jsostni li ma kienx f'kundizzjoni medika li jagħti tali stqarrija u minħabba li jisħaq li ma ttieħdet l-ebda prekawzjoni dwar dan. Fin-Nota ta' Kjarifika tiegħu (*a fol.* 57 *et seq.*) l-akkużat jirreferi għal parti mill-istqarrija tiegħu fejn hemm imniżżel hekk (*a fol.* 1712 *et seq.*):

Spettur Wayne Camilleri:
*Fejn weġġgħuk, għidilna int fejn weġġħuk?*

Maher Aljasem:
*Kullimkien*

Spettur Wayne Camilleri:
*Kullimkien. Imma qed nara żgur li għandek xi punti f'idejk hux hekk?*

Maher Aljasem:
*Għandi ġewwa rasi wkoll.*

Spettur Wayne Camilleri:
*Rasek. Tixtieq tgħidilina min...Kif għamilhomlok?*

Spettur Shaun Pawney:
*Int tlabtna xi pilloli għall-uġigħ. Sinjal li għandek uġigħ biex qed titlobna l-pilloli għall-uġigħ u aħna ħa nagħtuk anke it-tabib.*

Maher Aljasem:
*[Kliem b'lingwa barranija]*

Interpretu:
*Qed jistaqsi kemm ser iddumu b'din l-interrogation?*

Spettur Wayne Camilleri:
*Aħna kemm nistaqsuk...*

Interpretu:

*Qed jgħid li ma jiflaħx ikompli.* [emfażi miżjuda mill-akkużat fin-Nota tiegħu]

22. Illi rigward l-estratt mill-istqarrija tal-akkużat hekk kif ri-prodott hawn fuq rigward liema l-akkużat jagħti l-eċċezzjoni in eżami fejn jgħid li ma ttieħdu l-ebda prekawzjonijiet jibda billi jingħad li mit-test tal-istess interrogazzjoni jirriżulta li dakinhar kien invistah tabib fejn ikkonferma li seta' jkompli jixhed (*a fol.* 1713).

23. Illi għal kull buon fini din il-Qorti tinnota li rat ukoll il-filmati li ttieħdu mill-*body cams* tal-Pulizija fil-lejl tal-akkadut u jidher b'mod ċar li l-akkużat kien qiegħed jiġi mdewwi l-iSptar Ġenerali ta' Għawdex. Meta sar l-ewwel interrogatorju tat-8 ta' Mejju 2022 traskritt (*a fol.* 1696 *et seq.*) jidher biċ-ċar li l-akkużat kien ġie rilaxxat mill-iSptar u għalhekk kien diġa' ġie mdewwi. Din il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat fit-8 ta' Mejju 2022 għandha tiġi ddikjarata inammissibli kif qed jitlob l-akkużat fir-raba' (4) eċċezzjoni tiegħu. Jirriżulta li l-akkużat ġie mdewwi u rilaxxat mill-iSptar u ma jistax jingħad li ma kienx f'kundizzjoni medika sabiex jiġi interrogat. Minbarra dan din il-Qorti rat bir-reqqa l-filmat ta' tali interrogazzjoni fejn l-akkużat deher kapaċi jagħti r-risposti li ried tant huwa hekk li meta ma riedx iwieġeb huwa ripetutament qal hekk.

24. Illi b'hekk isegwi li anke r-raba' (4) eċċezzjoni tal-akkużat qed tiġi miċħuda wkoll.

**<u>Il-Ħames (5) u t-Tmien (8) Eċċezzjoni</u>**

25. Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tindirizza l-ħames (5) u t-tmien (8) eċċezzjonijiet tal-akkużat flimkien peress li huma marbuta.

26. Illi fil-ħames (5) eċċezzjoni l-akkużat jeċċepixxi, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' tar-raba' (4) eċċezzjoni, l-inammissibilita' ta' partijiet tal-istqarrija mogħtija minnu fit-8 ta' Mejju 2022 fejn tissemma ġlieda li seħħet qabel minħabba li jisħaq li ma għandha ebda konnessjoni mal-fatti tal-każ. Permezz tat-tmien (8) eċċezzjoni, l-akkużat jestendi din it-talba għal kull

riferenza fl-evidenza kemm dokumentarja, traskritta u/jew f'*video footage* fejn tissemma tali ġlieda. Għal kull buon fini jingħad li fis-seduta tat-22 ta' Frar 2024 ġie ċċarat li din l-eċċezzjoni tirrigwarda dikjarazzjoni magħmula mill-akkużat waqt l-interrogazzjoni tat-8 ta' Mejju 2022 fejn semma li xi sena qabel kellu inċident ieħor. In fatti fin-Nota ta' Kjarifika (*a fol.* 57 *et seq.*) l-akkużat jispjega li kien qed jirreferi għal paġni tmienja (8) sa għaxra (10) tat-traskrizzjoni tal-istqarrija mogħtija fit-8 ta' Mejju 2022 (preċiżament *a fol.* 1701, 1702 u 1703).

27. Illi waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu fis-seduta tad-9 ta' April 2024, l-Avukat Ġenerali oġġezzjona għal din l-eċċezzjoni u spjega li l-akkużat kellu fedina penali netta, liema fedina penali ġiet ippreżentata.

28. Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq din il-Qorti tinnota li ż-żewġ eċċezzjonijiet in eżami, ossia l-ħames (5) u t-tmien (8) eċċezzjoni, għandhom jiġu milqugħa u dana fejn issir riferenza għal ġlieda li seħħet sena qabel u dana peress li din il-ġlieda ma għandha l-ebda rilevanza għal dan il-każ. Konsegwentement din il-Qorti tiddikjara li kwalunkwe riferenza fl-atti proċesswali għal din il-ġlieda in kwistjoni tiġi dikjarata bħala inammissibbli.

**Is-Sitt (6) Eċċezzjoni**

29. Illi fis-sitt (6) eċċezzjoni l-akkużat jeċċepixxi, mingħajr preġudizzju għal ġeneralita' tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-inammissibilita' ta' partijiet tal-istqarrija mogħtija minnu fit-8 ta' Mejju 2022 fejn jissemmew dikjarazzjonijiet preċedenti allegatament magħmula minnu in kwantu jisħaq li s-salvagwardji mogħtija mil-liġi ġew kompletament skartati mill-Pulizija u peress li ma jeżisti ebda dokument dwar dawn id-dikjarazzjonijiet b'dan li hu ma għandu l-ebda kontroll fuq dak allegat mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

30. Illi fin-Nota ta' Kjarifika tiegħu (*a fol.* 57 *et seq.*) l-akkużat jispeċifika li qed jirreferi għal kull parti tal-istqarrija tat-8 ta' Mejju

2022 fejn jissemma dak li seħħ u ntqal fis-7 ta' Mejju 2022 u jidentifika numru ta' paġni fejn jirriżultaw dawn l-istqarrijiet.

31. Illi din il-Qorti tinnota li l-akkużat ma jispjegax liema salvagwardji mogħtija mil-liġi ġew kompletament skartati. Din il-Qorti hija tal-fehma li mhux il-kompitu tagħha li toqgħod tispekula hija dwar dan.

32. Illi mill-filmati u t-traskrizzjonijiet tal-interrogatorji u mill-filmati tal-*body cams* waqt li l-akkużat kien l-isptar jidher b'mod ċar li hu dejjem ingħata d-drittijiet tiegħu u kien huwa li għażel liberament li mhux dejjem jagħmel użu minnhom. Din il-Qorti lanqas ma taqbel li l-akkużat ma għandux kontroll ta' dak li jgħidu l-Pulizija fl-istqarrija tat-8 ta' Mejju 2022 stante li hemm il-filmati tal-*bodycams* ta' dak li seħħ fis-7 ta' Mejju 2022 u għalhekk huwa faċli li jitqabblu l-verżjonijiet.

33. Illi b'hekk isegwi li l-eċċezzjoni in eżami għandha tiġi miċħuda.

**<u>Is-Seba' (7) Eċċezzjoni</u>**

34. Illi f'din l-eċċezzjoni l-akkużat jeċċepixxi l-inammissibilita' tal-istqarrija mogħtija minnu fid-9 ta' Mejju 2022 minħabba li jisħaq li ma kienx f'kundizzjoni medika li jagħti stqarrija u ma ttieħdet l-ebda prekawzjoni dwar dan.

35. Illi din il-Qorti tibda billi terġa' tirreferi għal fatt li l-akkużat kien ġie mdewwi l-iSptar Ġenerali ta' Għawdex u ġie rilaxxat. Fir-rigward tal-eċċezzjoni in eżami, din il-Qorti terġa' tinnota li rat bir-reqqa l-filmat tal-interrogazzjoni minn fejn jidher li l-akkużat ma kienx f'diffikulta' medika anzi deher kapaċi li jsegwi l-proċess u li jifhem dak li kien għaddej madwaru. Meħud dan in konsiderazzjoni nkluż dak li ngħad fir-rigward tar-raba' (4) eċċezzjoni jsegwi li l-eċċezzjoni in eżami għandha tiġi miċħuda wkoll.

**<u>Id-Disa' (9) Eċċezzjoni</u>**

36. Illi fid-disa' (9) eċċezzjoni l-akkużat jirriżerva li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri. Kemm fis-seduta tat-22 ta' Frar 2024 (*a fol.* 39 *et seq.*) u kif ukoll fin-Nota ta' Kjarifika tas-7 ta' Marzu 2024 (*a fol.* 57 *et seq.*) l-akkużat jiċċara li din ir-riżerva saret minħabba li kien għadu ma ngħatax l-evidenza kollha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tinnota li sallum l-akkużat baqa' ma talabhiex permess sabiex iressaq eċċezzjonijiet ulterjuri. Issa li għaddew numru ta' ġimgħat ġmielhom mindu l-akkużat ġie notifikat bl-Att tal-Akkuża, din il-Qorti hija tal-fehma li ma jidhirx li hemm eċċezzjonijiet ulterjuri li għandhom jingħataw mill-akkużat hekk imsemmi fl-eċċezzjoni in eżami u b'hekk din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat**

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-EĊĊEZZJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI DWAR L-AMMISSIBILITA' TA' XI XHIEDA U TA' DOKUMENTI NDIKATI MILL-AKKUŻAT FIL-LISTA TAX-XHIEDA u FIL-LISTA TAD-DOKUMENTI ANNESSI MAN-NOTA TAL-EĊĊEZZJONIJIET TAL-AKKUŻAT TAT-2 TA' FRAR 2024 (*a fol.* 32 *et seq.*)</u>**

37. Illi permezz ta' Nota ppreżentata fit-2 ta' Frar 2024 (*a fol.* 32 *et seq.*) l-Avukat Ġenerali ta avviż ta' kull eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' ta' provi li kellu l-ħsieb li jagħti u dana *ai termini* ta' Artikolu 438(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn l-eċċezzjonijiet imressqa mill-Avukat Ġenerali huma s-segwenti:

- fir-rigward tal-punti enumerati tnejn (2) u tlieta (3) jitlob li l-oġġett tal-prova jkun speċifikat;

- fir-rigward tal-punt bin-numru erbgħa (4) jisħaq li din tħalliet miftuħa minħabba l-użu tal-kelma "fosthom" u dana peress li l-lista tax-xhieda trid tkun speċifika u eżawrjenti ta' persuni speċifiċi;

- fir-rigward tax-xhud imsemmi bin-numru disgħa (9), l-Avukat Ġenerali jisħaq li dan mhux ammissibbli;

- fir-rigward tal-punt bin-numru għaxra (10) taħt il-Lista tax-Xhieda u l-punt bin-numru wieħed (1) taħt il-Lista tad-Dokumenti jsostni li dawn ma humiex ammissibbli minħabba li ma ġewx identifikati l-persuni li tagħhom qed jintalbu l-istqarrijiet.

38. Illi waqt is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm li nstemgħu fis-seduta tad-9 ta' April 2024 l-Avukat Ġenerali jsemmi li huwa qed joġġezzjona għax-xhieda enumerati bin-numri erbgħa (4), disgħa (9) u għaxra (10) fil-Lista tax-Xhieda ppreżentata mill-akkużat permezz tan-Nota ppreżentata minnu fid-29 ta' Jannar 2024 (*a fol.* 27 *et seq.)*.

39. Fir-rigward tal-punti enumerati tnejn (2) u tlieta (3) fin-Nota tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' Frar 2024 (*a fol.* 32 *et seq.*) l-Avukat Ġenerali ma jgħid xejn fis-sottomissjonijiet bil-fomm tiegħu. Minkejja dan, din il-Qorti qieset li x-xhieda msemmija f'dawn il-punti, ossia Ahmed Al Hamda u Ahmed Mohammed Al Hussein ġew imsemmija wkoll mill-Avukat Ġenerali nnifsu fin-Nota ta' Xhieda hekk kif annessa mal-Att ta' Akkuża li ħareġ fil-konfront tal-akkużat. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tqiesx li dak mitlub mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu tat-2 ta' Frar 2024 fir-rigward tal-punti msemmija f'dan il-paragrafu għandu jiġi milqugħ.

40. Illi rigward punt bin-numru erbgħa (4), fin-Nota ta' Kjarifika tiegħu (*a fol.* 57 *et seq.*) l-akkużat jispjega li l-kelma "fosthom" tista' tiġi sostitwita bl-isem "Ibrahim Abdul Aziz". Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan is-suġġeriment hekk kif imsemmi mill-akkużat minħabba li huwa b'hekk qiegħed inizżel xhud ieħor wara li għalaq it-terminu stabbilit f'Artikolu 438(2)(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jekk l-akkużat irid iressaq lil Ibrahim Abdul Aziz bħala xhud huwa għandu jqies dak li jipprovdi Artikolu 440(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'hekk din il-Qorti ser tilqa' l-eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali u fejn huwa oġġezzjona għal kelma "fosthom" b'dana illi punt numru erbgħa (4) fil-Lista ta' Xhieda tal-akkużat għandha tkun limitata għal persuni li hemm indikati u ħadd aktar.

41. Illi rigward punt numru disgħa (9) fil-Lista ta' Xhieda tal-akkużat *ossia* "sid ir-residenza "Ta' Maria", fi Triq il-Wied, Marsalforn, din il-Qorti tinnota li mir-raġuni mogħtija mill-Avukat Ġenerali għalfejn joġġezzjona għal dan ix-xhud jirriżulta li dak li qed joġġezzjona għalih l-Avukat Ġenerali huwa r-rilevanza tax-xhud u mhux l-ammissibilita' minkejja li l-Avukat Ġenerali jorbot tali punt mal-ammissibilita' tax-xhud. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-10 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ahmed El Gamoudi** (Numru 51/2009) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "11. Issa, kif din il-Qorti kellha okkażjoni li tfisser diversi drabi, l-ammissibilita' ta' xhud hi essenzjalment ħaġa differenti mir-relevanza tal-prova li wieħed ikun irid jagħmel permezz ta' dak ix-xhud. Nonostante cio` għadhom jitressqu eċċezzjonijiet li jinjoraw din id-differenza. Huwa għalhekk opportun li jiġu ribaditi l-prinċipji li għandhom jirregolaw il-materja u li ġew elenkati ferm tajjeb fis-sentenza ċitata mill-appellant stess, u ċioè s-sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 1990 minn din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Edwin Cioffi**. Dawn il-prinċipji huma s-segwenti:
>
> > "(a) In ġenerali ingħad illi l-kunċett ta' ammissibilita' riferibbilment għall-mezz ta' prova għall-finijiet tal-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali proprjament jitqies bħala riferibbli għal ***'le condizioni richieste dalla legge per essere ricevuto in giudizio'*** (Koll. Vol. XIX. IV.9) jew għal ***'le condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso'*** (Koll. Vol. XXVII.IV.595),

bħala distint mis-sempliċi rilevanza 'ut sic'. Din id-distinzjoni ġiet spjegata mill-Qorti Kriminali kolleġġjalment komposta fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Jannar, 1929 in re SUA MAESTA' IL RE - VS - AVV. DR. C. MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL fejn kien ingħad:

***"'Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall'accusa o dalla difesa, nel contrasto sull'ammissibilita' o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso la quistione e` veramente una di ammissibilita` del mezzo di prova....nel secondo caso la quistione 'propriamente quella di rilevanza della prova.....'***

"(b) Din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Mejju, 1977 in re IR-REPUBBLIKA TA' MALTA - VS - CECIL PACE U HENRY ALBERT PACE a propożitu ta' din id-distinzjoni osservat:

***"'Kif ingħad ukoll minn din il-Qorti f'<u>Repubblika vs. Joseph Gauci</u>, supra, din tidher distinzjoni tradizzjonali fis-sistema probatorju tagħna u f'dan id-dawl forsi jista' jkun ukoll xi ftit sinjifikanti li l-kelma 'relevancy' hi kontrapposta għall-'admissibility' anke fl-artikolu 610(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Fil-fatt fid-deċiżjonijiet pubblikati d-distinzjoni tirriżulta essenzjalment marbuta mad-diviżjoni tal-***

***kompetenza bejn il-Qorti Kriminali kolleġġjalment komposta (kif kienet sal-1967 għall-finijiet tal-eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-provi) u l-Imħallef tal-meritu; illum il-pożizzjoni hi li l-Imħallef tal-meritu jiddeċiedi hu ukoll din l-eċċezzjoni salv l-appell lil din il-Qorti iżda peraltro jidher li l-pożizzjoni baqgħet sostanzjalment istess.*** *L-istess Qorti żiedet tgħid:* ***'...proprjament il-kwistjoni issa tirrisolvi ruħha f'waħda ta' appellabilita' o meno. Infatti fis-sentenzi anterjuri li għalihom ġia saret riferenza kien intqal li kwistjoni simili hi ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu (Koll. Vol. XXVII.IV.597) u li 'la decisione sulla rilevanza o meno appartiene esclusivamente a tale Corte' billi l-Qorti Kolleġġjali 'e` chiamata a decidere soltanto della ammissibilita' o meno (fis-sens propriu ġia fuq imsemmi) di prove, ma non della loro rilevanza' (Koll Vol. XXI.IV.15, a pag. 16).***

"c) Fl-istess sentenza din il-Qorti kienet żiedet illi:

***"'Tassew li xi drabi jista' jagħti l-każ li l-kwistjoni ta' rilevanza tmur aktar il-bogħod u tippreżenta ruħha marbuta ma' dik tal-ammissibilita' fis-sens proprju hawn fuq imsemmi in kwantu li per eżempju tinċidi fuq prinċipji oħra, bħalli kieku fil-każ ta' xhieda tendenti li jippruvaw il-kummissjoni da parti tal-akkużat ta' atti kriminali (jew komunkwe 'wrongful') differenti minn dawk koperti mill-att ta' akkuża (ara sentenzi ta' din il-Qorti <u>Regina vs. Paul Azzopardi</u>, supra, u <u>Repubblika vs. Carmel Mangion et</u>, 11 ta' Diċembru, 1975)'*** *iżda spjegat illi meta pero' si tratta ta' kwistjoni ta' mera rilevanza 'ut sic', din*

*hija tradizzjonalment imħollija għall-apprezzament tal-Imħallef tal-meritu fil-kompetenza tiegħu.*

"(d) Hija skorretta ukoll is-sottomissjoni li l-Avukat Ġenerali reġa' tenna f'dan l-appell u ċioè illi l-fatt illi qabel ma jwieġeb għall-mistoqsija jekk għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra l-ammissibilita' tal-provi dikjarati mill-akkużat jista' jitlob li dan jiddikjara l-oġġett tal-prova u vice versa huwa intiż sabiex il-Qorti, skond jekk tkunx jew le soddisfatta mir-rilevanza tal-prova rikjesta mix-xhieda dikjarati, tkun tista' tiddeċiedi liema minn dawn ix-xhieda huma ammissibbli u liema mhumiex. Din il-Qorti fis-sentenza tagħha ċitata in re PACE, supra, spjegat kif din is-sottomissjoni, '**għalkemm inġenjuża, mhijiex korretta**' u li l-fatt li d-domanda dwar l-oġġett tal-prova issir fl-istadju li ssir ma jbiddilx dak li ġa ingħad dwar id-differenza bejn il-kunċett ta' ammissibilita' u dak ta' rilevanza u li kwistjoni ta' mera rilevanza ta' provi hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu salv li, f'każ partikolari u in vista ta' dak li fuq ingħad, din il-Qorti tara, nonostanti t-termini użati, jekk il-kwistjoni kinitx verament waħda ta' mera rilevanza fis-sens li ingħad jew inkella le. Il-konsegwenza legali tkun li jekk si tratta ta' deċiżjoni merament fuq rilevanza ma hemmx appell mentri jekk si tratta ta' deċiżjoni fuq ammissibilita' ta' prova din tkun appellabbli quddiem din il-Qorti.

"(e) Kif ġie diversi drabi deċiż, anki fis-sentenza appena ċitata, id-deċiżjoni dwar ir-rilevanza l-Qorti Kriminali ma toħodhiex u m'għandiex toħodha in forza tal-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali iżda bis-saħħa tal-artikolu 520(2) tal-

istess Kodiċi li jimponi fuq il-Qorti d-dover li 'inter alia' ma tħallix li jsir fil-provi dak li '**ma jkunx rilevanti jew ma jkollux x'jaqsam max-xorta tal-kawża**'.

"(f) Jiġifieri qed jiġi ribadit li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi fit-termini tal-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali hija l-ammissibilita' ta' prova bħala kontrapposta għar-rilevanza ta' l-istess prova, b'dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tiġi regolata jew addirittura eskluża bħala rrilevanti fl-istadju tas-smiegħ tal-provi, l-istess m'għandiex tiġi preventivament u prijoristikament eskluża jekk tista' tirriżulta rilevanti għal **'facts in issue'**. Dana, din il-Qorti ħasset il-bżonn li tirribadih peress li, kif ingħad, spiss qed jiġri li flok ma l-kunċetti ta' ammissibilita' u ta' rilevanza jinżammu distinti dak tar-rilevanza qed jiġi ekwiparat għal dak ta' ammissibilita' u provi qed jiġu esklużi bħala rrelevanti qabel ma biss jkunu instemgħu u qabel ma l-istess Qorti ta' meritu tkun verament fil-pożizzjoni li tivvaluta sewwa x'ikunu l-**'facts in issue'**. Dan hu eżattament dak li ġara fis-sentenza appellata billi l-ewwel Onorabbli Qorti ħalltet flimkien iż-żewġ kunċetti indiskriminatament b'mod li ddeċidiet l-ammissibilita' fuq kriterji legali żbaljati.""

Illi għalhekk stante li dak li qed jilmenta dwaru l-Avukat Ġenerali f'dan il-każ huwa punt ta' rilevanza tax-xhud dan il-punt jistħoqqlu jiġi miċħud stante li l-eċċezzjoni *per se* mhijiex dwar l-ammissibilita' tax-xhud in kwistjoni.

42. Illi rigward punt numru għaxra (10) fil-Lista tax-Xhieda tal-akkużat, l-Avukat Ġenerali joġġezzjona li l-akkużat ma identifikax

il-persuna in kwistjoni. F'dan il-punt imsemmi, l-akkużat jgħid hekk (*a fol.* 29): *"Rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeżebixxi, jew jgħaddi kopja lid-difiża, kopja tal-istqarrijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-persuni interrogati u/jew mitkellma mill-Pulizija matul l-investigazzjoni; għall-finijiet ta' kontroll tax-xhieda waqt il-ġuri."* Minn qari ta' dan il-punt u meħud in konsiderazzjoni l-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali, din il-Qorti tinnota li f'dan il-każ l-identifikazzjoni tal-persuna speċifika in kwistjoni ma hijiex neċessarja u dana stante li dak li qed jintalab mill-akkużat huwa ċar. Għaldaqstant, l-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali f'dan ir-rigward qed tiġi mwarrba.

43. Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mqajjma mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu tat-2 ta' Frar 2024 (*a fol.* 32 *et seq.*) għajr għal użu tal-kelma "fosthom" fil-punt numru erbgħa (4) tal-Lista tax-Xhieda tal-akkużat.

**Decide**

44. Għal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi:

- tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tad-disa' (9) eċċezzjoni tal-akkużat Maher Aljasem u tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha mressqa minnu fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet tiegħu ppreżentata fid-29 ta' Jannar 2024 (*a fol.* 27 *et seq.*) u dan għajr għall-ħames (5) u t-tmien (8) eċċezzjoni li qed jiġu milqugħa;

- tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu ppreżentata fit-2 ta' Frar 2024 (*a fol.* 32 *et seq.*) u dan għajr għall-eċċezzjoni li tirrigwarda punt bin-numru erbgħa (4) fil-Lista ta' Xhieda tal-akkużat rigward l-użu tal-kelma "fosthom" b'dan illi fir-rigward ta' dan il-punt huma ammissibbli biss ix-xhieda speċifikament imsemmija fih u ħadd aktar.

45. Finalment, din il-Qorti tħalli l-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jista' jitressaq skont il-liġi.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**